TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 31/16/GB

**Dolores Zammit**

**vs**

**JPC Airconditioning – Jean Pierre Ciantar**

Illum 22 ta' Gunju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Frar, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sitt mija tlieta u sittin Ewro u disghin centezmi (€663.90), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal *air conditioner* li nxtara minghand l-intimat, liema *air condition*er kien difettuz u gie mibdul b'mudell differenti *second hand*, liema mudell kien ukoll difettuz.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

L-intimat kien gie rrakkomandat lir-rikorrenti minn habiba taghha. Kien sar ftehim biex ir-rikorrenti u r-ragel taghha jaraw il-prodott id-dar, fejn l-intimat kien spjegalhom kemm kien prodott tajjeb. Il-prodott deher ta' kwalita' tajba u ghalhekk ir-rikorrenti xtrat l-*air conditioner* fit-28 ta' Jannar 2014. Illi pero', l-ghada, ir-rikorrenti cemplet lill-intimat ghaliex l-*air conditioner* ma kienx qed jahdem sew, fejn l-intimat mar u sewwieh. Il-prodott deher difettuz u ghalhekk ir-rikorrenti talbet lill-intimat ghal *air conditioner* gdid. Hames xhur wara, l-*air conditioner* ma kienx qed jahdem sew, u l-intimat rega' mar u ghamel it-tiswijiet, fejn kellu jaghmel xogholijiet ta' tiswija frekwentament, tant li r-rikorrenti kienet iccempillu kull gimgha ghax l-*air conditioner* kien ikun dejjem bil-hsara.

F'Ottubru tal-2014, l-intimat rega' mar isewwi l-*air conditioner*, pero' din id-darba hadu mieghu. Ir-rikorrenti kienet iccempillu frekwentament sabiex tara jekk it-tiswijiet kienu lesti, fejn fl-ahhar, l-intimat kien qalilha li l-*air conditioner* ma setax jissewwa u li kien qed jarmalha iehor.

Lejn l-ahhar ta' Frar tal-2015, l-intimat ha *air conditioner second hand* ghand ir-rikorrenti, pero' dan kien bis-sadid. Dan l-*air conditioner* hadem ghal ftit u beda bil-hsara. L-ahhar li mar l-intimat, ma sewwiehx u qal lir-rikorrenti li kien ha jibghat lil haddiehor. Fil-frattemp, ir-rikorrenti bdiet il-procedura mal-MCCAA, u wara tliet gimghat, l-intimat cemplilha u baghat haddiem biex isewwi l-*air conditioner*.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien mar iwahhal *air conditioner* ta' 18,000 BTU ghand ir-rikorrenti fit-28 ta' Jannar 2014, u l-ghada rega' mar ghandha ghaliex kienet ilmentat li l-*air conditioner* ma kienx qed jahdem sew, fejn l-intimat ziedlu ftit gas u beda jahdem sew.

F'Ottubru tal-2014, ir-rikorrenti kienet regghat ilmentat li l-*air conditioner* ma kienx qed jahdem sew, fejn huwa mar jarah u sab li kien marlu l-*fuse,* biddlu u gie jahdem sew.

Fi Frar tal-2015, ir-rikorrenti kiener regghat ilmentat li l-*air conditioner* rega' bil-hsara, fejn l-intimat kien mar u sabu mahruq u bi *short circuit* – problema ikkawzata minhabba l-fatt li kien tbaxxa' d-dawl. Kellu hafna spejjez biex jirrangah u r-rikorrenti kienet bdiet tibki u tghid li ma kellhiex flus biex tixtri iehor. Dak il-hin, l-intimat thassarha u qalilha li kellu *air conditioner* ta' 24,000 BTU li kien qalghu minn haddiehor ghaliex ma kienitx hallsitu, u li kien se jaghtieh lilha.

F'Dicembru tal-2015, ir-rikorrenti kienet cemplet tilmenta li l-*air conditioner* kien qed jaghmel hoss fil-kompressur, u ghalhekk l-intimat kien mar u sab li kull ma kellu kien *pipe* minn gewwa li kien qed jahbat mall-*evaporator*, pero' ma kellux *insulation* fuqu u ghalhekk kellu jitlaq. L-intimat kien baghat il-kollega tieghu xi gimgha wara, ghaliex kien zmien il-festi u kienu bil-*leave*, pero' r-rikorrenti ma fethitlux.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tikkonferma li l-*air conditioner* jiswa sitt mija u hamsin Ewro (€650.00).

Xehed Saviour Zammit, prodott mir-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Xehed Dylan Cassar, prodott mill-intimat.

It-Tribunal hatar lil Eur Ing Dr Charles Yousif, bhala Perit Tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post, izzomm access u kwalunkwe seduti necessarji u jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrenti.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku, Eur Ing Dr Charles Yousif, qed jaghzel li jistrieh fuq ir-relazzjoni tal-imsemmi Perit Tekniku fl-intier tieghu, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat jiehu lura l-*air conditioner* in kwistjoni u jhallas l-ammont ta' erbgha mija tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin centezmi (€433.33) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**